**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 20 ta' Novembru, 2018**

**Talba Nru: 291/2018 PM**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Leon Gerada (464997(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju, 2018 illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u wiehed u disghin euro u hamsa u tmenin centezmi (€591.85) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40661541 liema somma s-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx minkejja li giet debitament interpellata, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali numru 2234/17 u bl-imghaxijiet legali.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-6 ta’ Novembru, 2018.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba u sema’ x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub kien u ghadu dovut mill-intimat u li kkonferma wkoll l-istess dokumenti annessi mal-avviz a sostenn tal-istess talba.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi waqt is-seduta tas-6 ta’ Novembru, 2018 xehed ir-rapprezentant tas-socjeta` attrici Paul Gatt li kkonferma kemm l-ammont mitlub kif ukoll id-dokumenti annessi mal-avviz a sostenn tat-talba odjerna u minn fejn jirrizulta kjarament l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici u dovut mill-konvenut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma mitluba ta’ hames mija u wiehed u disghin euro u hamsa u tmenin centezmi (€591.85) in konnessjoni ma’ servizzi migbura fil-kont bin-numru 40661541, bl-ispejjez u drittijiet inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali numru 2234/2017 u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tan-notifika tal-avviz odjern lill-konvenut kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**